MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 456/2001/1

**Lloyds Malta Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratrici ossia sindikati li jgibu n-numru 1228 u jopera taht l-isem Octavian at Lloyds, Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanti tal-istess ditta ossia sindikat kif jinsabu ssurrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Joseph Spiteri u l-istess Joseph Spiteri**

**vs**

**Marie Louise Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-21 ta' Mejju, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm380.45) jew kull somma ohra verjuri li tigi stabbilita, danni minnhom sofferti in

segwitu ghall-incident stradali li gara fil-21 ta’ Mejju, 1999 gewwa Hal Lija bejn il-vettura numru ta’ registrazzjoni FBG 108, proprjeta’ tal-attur Joseph Spiteri u assikurata b’polza *tip comprehensive* mas-socjeta’ assikurattrici attrici u l-vettura numru ta’ registrazzjoni JAC 475 misjuqa mill-konvenuta u ghal liema incident kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru 1999, ta’ ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mis-socjeta’ assikurattrici tal-konvenuta, bl-imghax legali mit-18 ta’ Novembru 1999 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. It-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort ta’ Chris Spiteri xufier tal-vettura FBG 108 registrata f’isem l-attur Joseph Spiteri.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fil-21 ta’ Mejju, 1999 fil-pjazza ta’ Hal Lija quddiem il-knisja bejn il-vettura FBG 108, proprjeta’ tal-attur Joseph Spiteri izda misjuqa mit-tifel tieghu Christopher u l-vettura JAC 475 misjuqa mill-konvenuta Marie Louise Portelli. Spiteri qal li kien wieqaf fil-pjazza jistenna sabiex jidhol f’wahda mill-

*parking bays*, meta f'daqqa wahda giet il-konvenuta minn fuq il-lemin tieghu, qatghet ghal quddiemu u hija u taghmel hekk haditu fil-ponta ta' quddiem tal-lemin.

Il-konvenuta minnahha l-ohra tghid li hija kienet qieghdha ssuq gewwa Transfiguration Avenue u waqt li kienet qieghda ddur ghal go Triq Belveder giet il-karozza Nissan misjuqa minn Christopher Spiteri u baqghet diehla fil-karozza taghha fuq in-nahha ta' wara tax-xellug.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghti l-valutazzjoni taghha fuq id-dinamika ta' dan l-incident, trid tiddisponi mill-kontroversja li qamet bejn il-partijiet wara l-ittra mibghuta mill-kumpanija assikurattrici lill-assikurat taghha (a fol 67), fejn l-istess kumpanija assikurattrici qieghda timputa r-responsabbilta' ta' dan l-incident lill-assikurat. Kif kien mistenni, l-konvenuta ghamlet kapital minn din l-ittra fejn allegat li l-kumpanija assikurattrici rabtet lilha nnifisha kif ukoll l-assikurat taghha, aktar u aktar meta kopja ta' din l-ittra ntbghatet lit-*third party. (*cioe' l-konvenuta)

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-konvenuta spjega illi nholqot sitwazzjoni ta' *contradiction in terms* meta l-kumpanija assikurattrici l-ewwel tikteb lill-assikurat taghha u tghid illi kellu tort u mbaghad tigi surrogata fid-drittijiet tieghu, tfittex lit-"third party" u timputa l-istess tort fuq dan ta' l-ahhar. Filwaqt illi ghal min mhux familjari fil-ligi din is-sitwazzjoni ma taghmilx sens, u hemm certa logika f'dan l-argument, legalment pero' mhux korrett.

Il-Qorti tirrileva li r-relazzjoni bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat taghha huwa wiehed ta' *indemnity*, fejn l-assikurazzjoni tintrabat li thallas id-danni maghmula mill-assikurat taghha fic-cirkostanzi u taht il-kondizzjonijiet tal-polza. Ghalhekk l-assikurazzjoni ma tista qatt tassumi d-drittijiet *"qua dominus"* ta' l-assikurat taghha li tibqa' l-persuna responsabbli fuq min tispetta d-decizzjoni, ghandhux responsabbilta' ta' l-incident jew le.

L-ittra hija ffirmata minn Jonathan Schembri mill-*legal claims department* tas-socjeta' assikurattrici. Mhuwiex mess in dubbju li tali persuna jista' jikteb ghan-nom tal-kumpanija assikurattrici, pero' ma jistax jorbot lill-assikurat taghha u tali dikjarazzjoni tibqa' biss fl-ambitu ta' parir moghti lill-kumpanija assikurattrici jew lill-assikurat li, minn naha tieghu jista' liberament ma joqghodx fuq dan il-parir u jiddeciedi mod iehor. F'liema kaz allura, l-assikurazzjoni jkollha d-dritt li tikkawtela l-ispejjez jekk l-assikurat jiddeciedi li ma joqghodx fuq il-parir taghha. Ghalhekk il-kumpanija assikurattrici ghamlet sew illi qaghdet fuq id-decizzjoni ta' l-assikurat, halsitu skond il-polza, biex imbaghad giet surrogata fid-dritt tieghu li jippretendi ragun u ssir din il-kawza.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-Qorti thoss li hemm element konfuzjonali fix-xhieda moghtija mill-atturi. Ma hemmx dubbju li l-sketch a fol 24 tal-process mhuwiex ezatt u ma jirrispettax il-konfigurazzjoni tal-marki li effettivament hemm fit-triq.

Jibqa' l-fatt illi l-versjoni moghtija minn Christopher Spiteri s-sewwieq tal-karozza assikurata mas-socjeta' attrici ma tantx taghmel sens, meta tqis l-entita' tal-hsara kif ukoll il-posizzjoni tal-karozzi kif murija fl-sketch. Spiteri jghid li kien wieqaf fil-mument ta' l-impatt, imma l-hsara fuq il-karozza misjuqa mill-konvenuta ma tidhirx illi tikkorrobora l-versjoni tieghu, peress li d-daqqa hijja ndikattiva ta' impatt dirett kif spjegat il-konvenuta u mhux fit-tul kieku kienet il-konvenuta li baqghet diehla fuq il-ponta ta' quddiem tal-lemin tal-karozza ta' Spiteri.

F'din il-kawza xehed ukoll Stephen Psaila illi kien qed isuq vettura quddiem dawk tal-partijiet ftit qabel l-incident. Dan pero' ma rax il-vettura misjuqa mill-konvenuta u ghalhekk mhuwiex f'posizzjoni li jikkorrobora versjoni jew ohra. Jibqa' l-fatt ghalhekk illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-atturi ma rnexxielhomx jilhqu dak il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat*** deciza mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru, 1997 il-

Qorti qalet li *"fil-materja ta' kollizzjonijiet fost affarijiet ohra l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni kien gara b'tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista' tilqa' t-talbiet attrici".* (ara wkoll ***Joseph Rausi Noe et vs John Muscat*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1995).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi. Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------